**Stqarrija Ministerjali mill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, l-Onor. Michael Farrugia, dwar il-qtil tas-Sur Lassane Cisse Souleymane u l-feriment ta' żewġ persuni oħra**

Mr Speaker,

Fis-6 ta' April ta' din is-sena Malta kienet ixxokjata bil-qtil tas-Sur Lassane Cisse Souleymane u l-feriment ta' żewġ persuni oħra.

Mill-ewwel il-Pulizija firxu l-investigazzjonijiet tagħhom, u waslu biex arrestaw persuni li hu allegat li wettqu r-reat u ressquhom il-Qorti. Il-każ huwa *sub-judice* u bi prudenza mhux se nidħol fil-każ innifsu ħalli ma jiġix ippreġudikat il-każ.

F'din l-ewwel seduta minn meta ġew arrestati dawn iż-żewġ persuni li allegatament wettqu dan ir-reat, irrid nuri d-diżappunt u dispjaċir tiegħi li l-persuni akkużati huma membri ta' korp dixxiplinat. Bl-ebda mod m'għandu jintefa' dell fuq il-korpi dixxiplinati, u wisq u wisq anqas fuq kull membru ieħor tal-korpi dixxiplinati, aktar u aktar fuq il-membri kollha l-oħra fil-Forzi Armati ta' Malta.

Il-membri tal-Forzi Armati ta' Malta huma involuti f'ħidma kontinwa ħalli jassiguraw is-sigurtà ta' pajjiżna u l-ibħra tagħna, kif ukoll jipparteċipaw f'ħidmiet barra l-pajjiż, inkluż dik ta' *peacekeeping*. Barra minn hekk, il-membri tal-Forzi Armati ta' Malta f'kull tip ta' temp jikkordinaw u jipparteċipaw f'ħidmiet biex jiġu salvati persuni li jkunu f'diffikultà fiż-żona ta' tiftix u salvataġġ Maltija inkluż, u mhux biss, ta' immigranti. Forzi Armati Maltin li kienu mfaħħra minn diversi sorsi barranin għall-ħidma tagħhom riċentament f'każ ta' vapur li allegatament kien maħtuf u ħeles minn dawk li allegatament sfurzaw il-vapur jersaq lejn pajjiżna.

Dan il-każ jitfa' responsabilità fuq kull wieħed u waħda minna li nkunu prudenti fi kliemna u fl-espressjonijiet tagħna. Irridu nedukaw li kliem u kitba ta' natura razzista, xenofobika u estremista u lingwa ta' mibgħeda huma kundannabli u li mhux posthom fil-kultura Maltija. Dan aktar u aktar fejn f'pajjiżna ħaddana l-għaqda u ġġilidna kontra min ipprova jifridna.

Qabel l-2013 taħt amministrazzjoni preċedenti Nazzjonalista, persuna li kien japplika biex jidħol fl-Armata, kien jintalab biss ċertifikat tal-kondotta. Mal-bidla fit-tmexxija tal-Armata fl-2013 inħass li dan id-dokument ma kienx tajjeb biżżejjed minħabba li ma kienx jinkludi l-istorja kriminali kollha u għalhekk fl-2015 saret emenda fil-liġi sabiex il-Forzi Armati ta' Malta tkun awtorizzata tottjeni l-fedina penali, bil-kunsens tal-individwu, kemm meta japplika biex jidħol rekluta, kif ukoll tul l-impjieg tiegħu.

Rekluta obbligat ukoll jiddikjara fl-*attestation paper*, ikkonfermata bil-ġurament, jekk għandux kawżi pendenti li jaf bihom.

Tajjeb illi wieħed jgħid li fil-każ taż-żewġ persuni arrestati, il-fedina penali kienet nadifa meta daħlu fil-Forzi Armati ta' Malta, u ddikjaraw li m'għandhomx kawżi pendenti.

Il-*policies* u l-proċedura użata fl-Armata dwar persuni illi jew instabu ħatja ta' xi reat, għaddejin minn proċess fil-Qorti qabel huma jiddaħħlu bħala rekluti, kif ukoll għal min jagħmel reat, jittella' l-Qorti u jinstab ħati ta' reat meta jkun diġà rekluta jew membru fl-Armata, huma l-istess għal kif kienu fi żmien amministrazzjoni preċedenti qabel l-2013. Bħal

m'għedt mill-2015 lil hawn, il-Forzi Armati ta' Malta għandhom iktar viżibilità ta' ħtija li mhux bilfors titniżżel fil-kondotta, imma tkun imniżżla fil-fedina penali.

F'pajjiżna l-liġi qiegħda hemm għal kulħadd, Maltin u barranin u kulħadd irid isegwiha.

Irrid nirringrazzja lill-Korp tal-Pulizija għall-ħidma u l-impenn professjonali tagħhom biex jiġi solvut dan il-każ diffiċli u li nibdew nifhmu kemm hi importanti t-teknoloġija ħalli tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-kriminalità f'pajjiżna, ħalli mhux biss jissolvew każi ta' kriminalità, imma nipprevjenu l-kriminalità.

Fl-aħħar, f'isem il-Gvern u l-poplu Malti u Għawdxi nagħti l-kondoljanzi lill-familjari tas-Sur Lassane Cisse Souleymane, filwaqt illi l-Gvern Malti jibqa' impenjat li jassisti ż-żewġ vittmi wara t-trawma li huma esperjenzaw. F'dan il-waqt qed tiġi segwita s-saħħa tagħhom, filwaqt li l-awtoritajiet qed jaraw l-*istatus* legali tagħhom f'pajjiżna.

Għalhekk irridu nkomplu nsostu għall-għaqda fost il-Maltin, imma wkoll għall-għaqda fost dawk kollha li jgħixu fostna.